Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0224(COD)

26.6.2017

EMENDI
1348 - 1596

Abbozz ta' rapport
Laura Ferrara
(PE597.506v01-00)

Proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2016)0467 – C8-0321/2016 – 2016/0224(COD))

Emenda 1348
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – taqsima 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1349
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1350
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Pajjiż terz ***għandu*** jkun kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari sakemm***:***	1. Pajjiż terz ***jista'*** jkun kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari sakemm ***l-applikant ikun ġie rikonoxxut bħala rifuġjat f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'dak il-pajjiż qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' jagħmel użu minn dik il-protezzjoni.***

Or. en

Emenda 1351
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Pajjiż terz ***għandu*** jkun kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari sakemm:	1. Pajjiż terz ***jista'*** jkun kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari sakemm:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jenħtieġ li jibqa' kunċett fakultattiv għall-Istati Membri.

Emenda 1352
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Pajjiż terz ***għandu*** jkun kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari sakemm:	1. Pajjiż terz ***jista'*** jkun kunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari sakemm:

Or. en

Emenda 1353
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Pajjiż terz għandu jkun kunsidrat	1. Pajjiż terz għandu jkun kunsidrat

bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari ***sakemm***:	bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal applikant partikolari ***meta***:

Or. en

Emenda 1354
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant ikun gawda protezzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'dak il-pajjiż qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni; jew	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-emenda tal-Artikolu 44(1).

Emenda 1355
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant ikun gawda protezzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'dak il-pajjiż qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni***; jew***	(a) l-applikant ikun ***ġie rikonoxxut bħala rifuġjat u*** gawda protezzjoni ***effettiva*** skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'dak il-pajjiż ***mingħajr ebda restrizzjoni ġeografika,*** qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni**.**

Or. en

Emenda 1356
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant ikun ***gawda protezzjoni*** skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'dak il-pajjiż qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni; jew	(a) l-applikant ikun ***ġie rikonoxxut bħala rifuġjat*** skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'dak il-pajjiż qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-kunċett jenħtieġ li jintuża biss jekk l-applikant ikun diġà ġie rikonoxxut bħala rifuġjat.

Emenda 1357
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inkella, l-applikant ikun gawda protezzjoni suffiċjenti f'dak il-pajjiż qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1358
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inkella, l-applikant ikun gawda protezzjoni suffiċjenti f'dak il-pajjiż qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-emenda tal-Artikolu 44(1).

Emenda 1359
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inkella, l-applikant ikun gawda protezzjoni ***suffiċjenti f'dak il-pajjiż*** qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni.	(b) inkella, l-applikant ikun gawda protezzjoni ***effettiva ekwivalenti għal-livell ta' protezzjoni li jgawdu minnu r-rifuġjati*** qabel ma jivvjaġġa lejn l-Unjoni u jkun għadu jista' japprofitta ruħu minn dik il-protezzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-kunċett jista' jintuża biss jekk il-livell ta' protezzjoni jkun ekwivalenti għall-protezzjoni bbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

Emenda 1360
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-awtorità determinanti għandha tqis li applikant igawdi protezzjoni suffiċjenti fis-sens tal-paragrafu 1(b) sakemm tkun sodisfatta li:	***imħassar***
(a) il-ħajja u l-libertà ma jkunux mhedda minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, is-sħubija f'xi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni politika;	
(b) ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ħsara serja kif definit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika);	
(c) jiġi rispettat il-prinċipju ta' nonrefoulement skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra;	
(d) tkun rispettata l-projbizzjoni tal-espulsjoni ta' persuna, bi ksur tad-dritt tal-libertà mit-tortura u minn trattament krudili, inuman u degradanti kif stabbilit fid-dritt internazzjonali;	
(e) ikun hemm dritt għal residenza legali;	
(f) ikun hemm aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, il-faċilitajiet tal-akkoljenza, is-saħħa u l-edukazzjoni; u	
(g) ikun hemm id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lista ma tagħtix stampa kompleta ta' xi jkun jikkostitwixxi l-ewwel pajjiż tal-asil u għalhekk tista' tipperikola l-applikazzjoni korretta tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

Emenda 1361
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti ***għandha*** tqis li applikant igawdi protezzjoni ***suffiċjenti*** fis-sens tal-paragrafu 1(b) sakemm tkun sodisfatta li:	2. L-awtorità determinanti ***tista'*** tqis li applikant igawdi protezzjoni ***effettiva*** fis-sens tal-paragrafu 1(b) sakemm tkun sodisfatta li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk pajjiż għandu jiġi kkunsidrat kif xieraq bħala pajjiż tal-ewwel asil, allura l-livell ta' protezzjoni offrut minn dak il-pajjiż irid ikun effettiv fil-prattika. Dan ifisser li l-protezzjoni offruta jenħtieġ li tkun livell mal-protezzjoni mogħtija fi ħdan l-Unjoni. L-elementi addizzjonali jirriflettu r-rekwiżiti sabiex jiġi żgurat li tali protezzjoni effettiva hija, fil-fatt, disponibbli.

Emenda 1362
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħajja u l-libertà ma jkunux mhedda minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, is-sħubija f'xi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni politika;	(a) il-ħajja u l-libertà ma jkunux mhedda minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, is-sħubija f'xi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni politika ***u li m'hemm l-ebda ċaħda tal-libertà mingħajr proċess ġust***;

Or. en

Emenda 1363
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ca) ma hemm l-ebda riskju reali li l-applikant jiġi trasferit mill-istat terz lejn stat ieħor li fih ma jkunx jirċievi protezzjoni effettiva, jew li jkun f'riskju li jiġi trasferit minn hemm lejn kwalunkwe stat ieħor, fejn tali protezzjoni ma tkunx disponibbli;

Or. en

Emenda 1364
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ma jkun hemm l-ebda riskju li l-applikant jintbagħat mill-pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor li fih ma jkunx jirċievi protezzjoni effettiva;

Or. en

Emenda 1365
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ikun hemm dritt għal residenza legali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1366
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) id-drittijiet fundamentali jiġu rispettati skont l-istandards internazzjonali applikabbli, inkluż li ma jkun hemm ebda riskju reali għall-ħajja tal-applikant u l-ebda riskju reali li l-applikant ikun imċaħħad mil-libertà tiegħu mingħajr proċess ġust;

Or. en

Emenda 1367
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ikun hemm aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, il-faċilitajiet tal-akkoljenza, is-saħħa u l-edukazzjoni; u	***imħassar***

Or. en

Emenda 1368
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ikun hemm aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, il-faċilitajiet tal-akkoljenza, is-saħħa u l-edukazzjoni; ***u***	(f) ikun hemm aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, il-faċilitajiet tal-akkoljenza, is-saħħa u l-edukazzjoni;

Or. en

Emenda 1369
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-applikant għandu aċċess għal mezz ta' sussistenza suffiċjenti biex iżomm livell ta' għajxien xieraq, u l-istat terz jieħu passi għall-kisba progressiva ta' awtoindipendenza, sa meta jinstabu soluzzjonijiet durabbli;

Or. en

Emenda 1370
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) hemm aċċess għal mezz ta' sussistenza suffiċjenti biex jinżamm livell ta' għajxien xieraq;

Or. en

Emenda 1371
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) il-pajjiż terz iqis kwalunkwe vulnerabilità partikolari tal-applikant u

jżomm l-interessi ta' privatezza tal-applikant;

Or. en

Emenda 1372
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) il-pajjiż terz iqis kwalunkwe vulnerabilità partikolari tal-applikant u jżomm l-interessi ta' privatezza tal-applikant;

Or. en

Emenda 1373
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) il-protezzjoni effettiva tibqa' disponibbli sakemm tkun tista' tinstab soluzzjoni durabbli;

Or. en

Emenda 1374
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ikun hemm id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1375
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ikun hemm id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem**.**	(g) ikun hemm id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem***, u***

Or. en

Emenda 1376
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) il-pajjiż terz aderixxa ma' strumenti internazzjonali għar-rifuġjati u strumenti tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u jikkonforma mal-istandards tagħhom fil-prattika.

Or. en

Emenda 1377
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet li jqisu li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huma sodisfatti jiġu riveduti b'mod regolari minn organizzazzjonijiet indipendenti.

Or. en

Emenda 1378
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tista' tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a), l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-kunċett tal-applikazzjoni tal-ewwl pajjiż ta' asil fid-dawl tać-ċirkostanzi partikolari tiegħu meta jippreżenta l-applikazzjoni u matul l-intervista tal-ammissibilità.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammissibilità bħala rekwiżit qabel jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 1379
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tista' tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a), l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-kunċett tal-applikazzjoni tal-ewwl pajjiż ta' asil fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu ***meta jippreżenta l-applikazzjoni u matul l-intervista tal-ammissibilità***.	3. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tista' tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a), l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-kunċett tal-applikazzjoni tal-ewwl pajjiż ta' asil fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jenħtieġ li jkun intitolat jikkontesta l-kunċett tal-applikazzjoni matul il-proċedura tiegħu sakemm tintlaħaq deċiżjoni finali.

Emenda 1380
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tista' tiġi rrifjutata bħala ***inammissibbli*** skont ***l-Artikolu 36(1)(a)***, l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-kunċett tal-applikazzjoni tal-ewwl pajjiż ta' asil fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu ***meta jippreżenta l-applikazzjoni u matul l-intervista tal-ammissibilità***.	3. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tista' tiġi rrifjutata bħala ***parti mid-determinazzjoni dwar il-merti tagħha*** skont ***it-Taqsima II ta' dan ir-Regolament***, l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-kunċett tal-applikazzjoni tal-ewwl pajjiż ta' asil fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu ***fi kwalunkwe stadju tal-proċedura***.

Or. en

Emenda 1381
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Fir-rigward ta' minorenni mhux akkompanjati,*** il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***jista***' jiġi applikat ***biss fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri l-ewwel ikunu rċevew mingħand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni l-assigurazzjoni li dawk l-awtoritajiet se jieħdu r-responsabilità għall-minorenni*** mhux ***akkompanjat, u li hu ser jibbenefika immedjatament minn waħda mill-forom ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1***.	4. Il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***m'għandux*** jiġi applikat ***għal minorenni*** mhux ***akkompanjati***.

Or. en

Emenda 1382
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Fir-rigward ta' minorenni mhux akkompanjati,*** il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***jista***' jiġi applikat ***biss fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri l-ewwel ikunu rċevew mingħand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni l-assigurazzjoni li dawk l-awtoritajiet se jieħdu r-responsabilità għall-minorenni*** mhux ***akkompanjat, u li hu ser jibbenefika immedjatament minn waħda mill-forom ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1***.	4. Il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***m'għandux*** jiġi applikat ***għal minorenni*** mhux ***akkompanjati***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minorenni mhux akkompanjati huma partikolarment vulnerabbli u jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-użu tal-kunċett tal-ewwel pajjiż tal-asil.

Emenda 1383
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Fir-rigward ta' minorenni mhux akkompanjati,*** il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***jista***' jiġi applikat ***biss fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri l-ewwel ikunu rċevew mingħand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni l-assigurazzjoni li dawk l-awtoritajiet se jieħdu r-responsabilità għall-minorenni mhux akkompanjat, u li hu ser jibbenefika immedjatament minn waħda mill-forom ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1***.	4. Il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***m'għandux*** jiġi applikat ***lil minorenni mhux akkompanjati sakemm ma jiġix determinat biċ-ċar li huwa fl-aħjar interess tat-tfal***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jenħtieġ li ma jiġix applikat għal minorenni mhux akkompanjati sakemm ma jitqiesx li huwa fl-aħjar interess tagħhom.

Emenda 1384
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fir-rigward ta' minorenni mhux akkompanjati, il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***jista'jiġi applikat biss*** fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri l-ewwel	4. Fir-rigward ta' minorenni mhux akkompanjati, il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***m'għandux japplika, sakemm ma jkunx fl-aħjar interessi tiegħu u*** fejn l-

ikunu rċevew mingħand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni l-assigurazzjoni li dawk l-awtoritajiet se jieħdu r-responsabilità għall-minorenni mhux akkompanjat, u li hu ser jibbenefika immedjatament minn waħda mill-forom ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1.	awtoritajiet tal-Istati Membri l-ewwel ikunu rċevew mingħand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni l-assigurazzjoni li dawk l-awtoritajiet se jieħdu r-responsabilità għall-minorenni mhux akkompanjat, u li hu ser jibbenefika immedjatament minn waħda mill-forom ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1385
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Fir-rigward ta' minorenni mhux akkompanjati,*** il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jista'jiġi applikat biss fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri l-ewwel ikunu rċevew mingħand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni l-assigurazzjoni li dawk l-awtoritajiet se jieħdu r-responsabilità għall-minorenni mhux akkompanjat, u li hu ser jibbenefika immedjatament minn waħda mill-forom ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1.	4. Il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jista'jiġi applikat biss ***għal minorenni mhux akkompanjati*** fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri l-ewwel ikunu rċevew mingħand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz inkwistjoni l-assigurazzjoni li dawk l-awtoritajiet se jieħdu r-responsabilità għall-minorenni mhux akkompanjat, u li hu ser jibbenefika immedjatament minn waħda mill-forom ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1386
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata	***imħassar***

bħala inammissibbli fl-applikazzjoni tal-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil, l-awtorità determinanti għandha:

(a) tinforma lill-applikant dwar dan;

(b) tipprovdilu dokument li jinforma lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz, fl-ilsien ta' dak il-pajjiż, li l-applikazzjoni ma kinitx eżaminata fis-sustanza tagħha bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil.

Or. en

Emenda 1387
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn il-pajjiż terz inkwistjoni ma jaċċettax jew ma jerġax jaċċetta lura lill-applikant fit-territorju tiegħu, l-awtorità determinanti ***għandha*** tirrevoka d-deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoi bħala inammissibbli, u ***għandha*** tagħti aċċess lill-proċedura skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II u t-Taqsima I tal-Kapitolu III.	6. Fejn***, minkejja bosta tentattivi,*** il-pajjiż terz inkwistjoni ma jaċċettax jew ma jerġax jaċċetta lura lill-applikant fit-territorju tiegħu, l-awtorità determinanti ***tista'*** tirrevoka d-deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoi bħala inammissibbli, u ***tista'*** tagħti aċċess lill-proċedura skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II u t-Taqsima I tal-Kapitolu III. ***Madankollu, il-proċedura ta' ritorn jenħtieġ li titkompla sakemm issir possibbli l-ammissjoni jew ir-riammissjoni.***

Or. en

Emenda 1388
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn il-pajjiż terz inkwistjoni ma jaċċettax jew ma jerġax jaċċetta lura lill-applikant fit-territorju tiegħu, l-awtorità determinanti għandha tirrevoka d-deċiżjoni li tirrifjuta ***l-applikazzjoi bħala inammissibbli***, u għandha tagħti aċċess lill-proċedura skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II u t-Taqsima I tal-Kapitolu III.	6. Fejn il-pajjiż terz inkwistjoni ma jaċċettax jew ma jerġax jaċċetta lura lill-applikant fit-territorju tiegħu, l-awtorità determinanti għandha tirrevoka d-deċiżjoni li tirrifjuta ***l-applikazzjoni***, u għandha tagħti aċċess lill-proċedura skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II u t-Taqsima I tal-Kapitolu III.

Or. en

Emenda 1389
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil kull sena dwar il-pajjiżi li għalihom jiġi applikat il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil.	7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil kull sena dwar il-pajjiżi li għalihom jiġi applikat il-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil ***u dwar il-każijiet li fihom pajjiż terz ma aċċettax jew ma reġax aċċetta lill-applikant fit-territorju tiegħu bil-motivazzjonijiet mogħtija lill-Istat Membru***.

Or. en

Emenda 1390
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1391
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pajjiż terz ***għandu*** jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu sakemm:	Pajjiż terz ***jista'*** jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu ***fiċ-ċirkostanzi individwali ta' applikant*** sakemm:

Or. en

Emenda 1392
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pajjiż terz ***għandu jiġi indikat bħala*** pajjiż terz bla periklu sakemm:	Pajjiż terz ***jista' jitqies*** pajjiż terz bla periklu sakemm:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu jenħtieġ li jibqa' kunċett fakultattiv għall-Istati Membri.

Emenda 1393
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pajjiż terz ***għandu*** jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu sakemm:	Pajjiż terz ***jista'*** jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu sakemm:

Or. en

Emenda 1394
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pajjiż terz għandu jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu ***sakemm***:	Pajjiż terz għandu jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu ***meta***:

Or. en

Emenda 1395
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ħsara serja kif definit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX;	(b) ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ħsara serja kif definit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX ***(ir-Regolament dwar il-Kwalifika)***;

Or. en

Emenda 1396
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ma hemm l-ebda riskju reali li l-applikant jiġi trasferit mill-istat terz lejn stat ieħor li fih ma jkunx jirċievi protezzjoni effettiva, jew li jkun f'riskju li jiġi trasferit minn hemm lejn kwalunkwe stat ieħor, fejn tali protezzjoni ma tkunx disponibbli;

Or. en

Emenda 1397
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) id-drittijiet fundamentali jiġu rispettati skont l-istandards internazzjonali applikabbli, inkluż li ma hemm ebda riskju reali għall-ħajja tal-applikant u l-ebda riskju reali li l-applikant ikun imċaħħad mil-libertà tiegħu mingħajr proċess ġust;

Or. en

Emenda 1398
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) l-applikant għandu aċċess għal mezz ta' sussistenza suffiċjenti biex iżomm

livell ta' għajxien xieraq, u l-istat terz jieħu passi għall-kisba progressiva ta' awtoindipendenza, sa meta jinstabu soluzzjonijiet durabbli;

Or. en

Emenda 1399
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) il-pajjiż terz iqis kwalunkwe vulnerabilità partikolari tal-applikant u jżomm l-interessi ta' privatezza tal-applikant;

Or. en

Emenda 1400
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) teżisti l-possibilità li ***tingħata*** protezzjoni skont ***l-istandards sostantivi tal-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra, ***jew protezzjoni suffiċjenti kif imsemmi fl-Artikolu 44(2) kif xieraq***.	(e) teżisti l-possibilità li ***wieħed jitlob status ta' rifuġjat u, jekk jiġi rikonoxxut bħala rifuġjat, li jingħata*** protezzjoni skont ***il-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra, ***ratifikata u applikata mingħajr ebda limitu ġeografiku***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex pajjiż terz jitqies bħala bla periklu minn Stat Membru, dak il-pajjiż terz jeħtieġlu jkun iffirma u ratifika l-Konvenzjoni ta' Ġinevra mingħajr ebda limitu ġeografiku.

Emenda 1401
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) teżisti l-possibilità li tingħata protezzjoni skont ***l-istandards sostantivi tal-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra, ***jew protezzjoni suffiċjenti kif imsemmi fl-Artikolu 44(2) kif xieraq***.	(e) teżisti l-possibilità li ***tintalab protezzjoni internazzjonali u, jekk rikonoxxut bħala rifuġjat, li*** tingħata protezzjoni ***effettiva*** skont ***il-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra ***mingħajr ebda restrizzjoni ġeografika, li tibqa' disponibbli sakemm tkun tista' tinstab soluzzjoni durabbli***.

Or. en

Emenda 1402
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) teżisti l-possibilità li tingħata protezzjoni skont ***l-istandards sostantivi tal-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra***, jew protezzjoni suffiċjenti kif imsemmi fl-Artikolu 44(2) kif xieraq***.	(e) teżisti l-possibilità li tingħata protezzjoni skont ***il-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra.

Or. en

Emenda 1403
Elly Schlein

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) teżisti l-possibilità li tingħata protezzjoni skont ***l-istandards sostantivi tal-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra, ***jew protezzjoni suffiċjenti kif imsemmi fl-Artikolu 44(2) kif xieraq***.	(e) teżisti l-possibilità***, skont il-liġi nazzjonali,*** li tingħata protezzjoni ***effettiva*** skont ***il-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra, ***b'rispett sħiħ tad-drittijiet kollha li jirriżultaw minnha u l-ebda limitazzjoni tal-ambitu ġeografiku***.

Or. en

Emenda 1404
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) teżisti l-possibilità li tingħata protezzjoni skont l-istandards sostantivi tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew protezzjoni suffiċjenti kif imsemmi fl-Artikolu 44(2) kif xieraq.	(e) teżisti l-possibilità li tingħata protezzjoni skont l-istandards sostantivi tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew protezzjoni suffiċjenti kif imsemmi fl-Artikolu 44(2)***(a-d)*** kif xieraq.

Or. en

Emenda 1405
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni dwar jekk pajjiż terz għandux jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu b'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni minn Stati	Il-valutazzjoni dwar jekk pajjiż terz għandux jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu b'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni minn Stati

Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet oħra rilevanti.	Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet ***internazzjonali*** oħra rilevanti***, u organizzazzjonijiet mhux governattivi nazzjonali jew internazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament tal-kliem mal-Emenda 28 adottata fil-pożizzjoni tal-Parlament dwar ir-Regolament SCO. Dan huwa konsistenti mal-emenda mressqa fl-Artikolu 49a.

Emenda 1406
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni dwar jekk pajjiż terz għandux jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu b'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet oħra rilevanti***.	Il-valutazzjoni dwar jekk pajjiż terz għandux jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu b'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Or. en

Emenda 1407
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni dwar jekk pajjiż terz għandux jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu b'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet oħra rilevanti.	Il-valutazzjoni dwar jekk pajjiż terz għandux jiġi indikat bħala pajjiż terz bla periklu b'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq ***iċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant u fuq*** firxa ta' sorsi ta' informazzjoni, inkluż b'mod partikolari informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet oħra rilevanti.

Or. en

Emenda 1408
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz bla periklu, m'għandhiex teskludi l-possibilità li jiġu indikati gruppi partikolari, abbażi tas-sess, ir-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-orjentazzjoni sesswali, is-sħubija fi grupp soċjali jew opinjoni politika partikolari li għalihom dak il-pajjiż terz partikolari m'għandux jitqies bħala bla periklu.

Or. en

Emenda 1409
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu għandu jkun applikat:	***imħassar***
(a) fejn pajjiż terz ikun ġie indikat bħala pajjiż terz bla periklu skont l-Artikolu 50;	
(b) fejn pajjiż terz ikun ġie indikat bħala pajjiż terz bla periklu fil-livell tal-Unjojni; jew	
(c) f'każijiet individwali relatati ma' applikant speċifiku.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija mressqa għal koerenza mat-tħassir tal-Artikolu 46.

Emenda 1410
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu għandu jkun applikat***:***	2. Il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu għandu jkun applikat ***fejn pajjiż terz ġie indikat bħala pajjiż terz bla periklu skont l-Artikolu 50 jew fejn pajjiż terz huwa indikat bħala pajjiż terz bla periklu fil-livell tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 1411
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu għandu jkun applikat***:***	2. Il-kunċett tal-pajjiż terz bla periklu għandu jkun applikat ***biss f'każijiet individwali fir-rigward ta' applikant speċifiku bħala parti minn eżami fuq il-merti ta' applikazzjoni skont it-Taqsima II ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 1412
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-kunċett*** tal-pajjiż terz bla periklu ***għandu jkun applikat:***	2. ***Stat Membru jista' japplika l-kunċett*** tal-pajjiż terz bla periklu ***meta l-pajjiż terz ikun ġie indikat fil-livell nazzjonali bħala pajjiż terz bla periklu skont il-kriterji tal-Artikolu 50.***

Or. it

Emenda 1413
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn pajjiż terz ikun ġie indikat bħala pajjiż terz bla periklu skont l-Artikolu 50;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1414
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn pajjiż terz ikun ġie indikat bħala pajjiż terz bla periklu skont l-Artikolu 50;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1415
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn pajjiż terz ikun ġie indikat bħala pajjiż terz bla periklu fil-livell tal-Unjojni; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 1416
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn pajjiż terz ikun ġie indikat bħala pajjiż terz bla periklu fil-livell tal-	***imħassar***

Unjojni; jew

Or. en

Emenda 1417
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) f'każijiet individwali relatati ma' applikant speċifiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1418
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) f'każijiet individwali relatati ma' applikant speċifiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1419
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti ***għandha*** tqis li pajjiż terz huwa pajjiż terz bla	3. L-awtorità determinanti ***tista'*** tqis li pajjiż terz huwa pajjiż terz bla periklu għal

periklu għal applikant partikolari, wara eżami individwali tal-applikazzjoni, biss meta hi tkun sodisfatta bis-sigurtà tal-pajjiż terz għal applikant partikolari skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 u tkun stabbiliet li:

applikant partikolari, wara eżami individwali tal-applikazzjoni, biss meta hi tkun sodisfatta bis-sigurtà tal-pajjiż terz għal applikant partikolari skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 u tkun stabbiliet li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu jenħtieġ li jibqa' kunċett fakultattiv għall-Istati Membri.

Emenda 1420
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti ***għandha*** tqis li pajjiż terz huwa pajjiż terz bla periklu għal applikant partikolari, wara eżami individwali tal-applikazzjoni, biss meta hi tkun sodisfatta bis-sigurtà tal-pajjiż terz għal applikant partikolari skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 u tkun stabbiliet li:	3. L-awtorità determinanti ***tista'*** tqis li pajjiż terz huwa pajjiż terz bla periklu għal applikant partikolari, wara eżami individwali tal-applikazzjoni, biss meta hi tkun sodisfatta bis-sigurtà tal-pajjiż terz għal applikant partikolari skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 u tkun stabbiliet li:

Or. en

Emenda 1421
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti ***għandha*** tqis li pajjiż terz huwa pajjiż terz bla periklu għal applikant partikolari, wara	3. L-awtorità determinanti ***tista'*** tqis li pajjiż terz huwa pajjiż terz bla periklu għal applikant partikolari, wara eżami

eżami individwali tal-applikazzjoni, biss meta hi tkun sodisfatta bis-sigurtà tal-pajjiż terz għal applikant partikolari skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 u tkun stabbiliet li:

individwali tal-applikazzjoni, biss meta hi tkun sodisfatta bis-sigurtà tal-pajjiż terz għal applikant partikolari skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 u tkun stabbiliet li:

Or. en

Emenda 1422
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz inkwistjoni li abbażi tagħha ikun raġonevoli għal dik il-persuna li tmur f'dak il-pajjiż***, *inkluż minħabba li l-applikant ikun għadda in tranżitu minn dak il-pajjiż terz li jkun ġeografikament viċin tal-pajjiż ta' oriġini tal-applikant***;	(a) ikun hemm konnessjoni ***sinifikanti*** bejn l-applikant u l-pajjiż terz inkwistjoni li abbażi tagħha ikun raġonevoli għal dik il-persuna li tmur f'dak il-pajjiż;

Or. en

Emenda 1423
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz inkwistjoni li abbażi tagħha ikun raġonevoli għal dik il-persuna li tmur f'dak il-pajjiż***, *inkluż minħabba li l-applikant ikun għadda in tranżitu minn dak il-pajjiż terz li jkun ġeografikament viċin tal-pajjiż ta' oriġini***	(a) ikun hemm konnessjoni ***sinifikanti*** bejn l-applikant u l-pajjiż terz inkwistjoni li abbażi tagħha ikun raġonevoli għal dik il-persuna li tmur f'dak il-pajjiż;

tal-applikant;

Or. en

Emenda 1424
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz inkwistjoni li abbażi tagħha ikun raġonevoli għal dik il-persuna li tmur f'dak il-pajjiż***, inkluż minħabba li l-applikant ikun għadda in tranżitu minn dak il-pajjiż terz li jkun ġeografikament viċin tal-pajjiż ta' oriġini tal-applikant***;	(a) ikun hemm konnessjoni ***sinifikanti*** bejn l-applikant u l-pajjiż terz inkwistjoni li abbażi tagħha ikun raġonevoli għal dik il-persuna li tmur f'dak il-pajjiż; ***u***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sempliċi tranżitu jenħtieġ li ma jkunx biżżejjed biex jiġġustifika r-ritorn għal hekk imsejjaħ pajjiż terz bla periklu.

Emenda 1425
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ma jkunx ippreżenta raġunijiet ***serji*** biex il-pajjiż jitqies li mhuwiex pajjiż terz bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.	(b) l-applikant ma jkunx ippreżenta raġunijiet biex il-pajjiż jitqies li mhuwiex pajjiż terz bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

Or. en

Emenda 1426
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(b), l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu meta jippreżenta l-applikazzjoni u matul l-intervista tal-ammissibilità.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammissibilità bħala rekwiżit qabel jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 1427
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(b), l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu ***meta jippreżenta l-applikazzjoni u matul l-intervista tal-ammissibilità***.	4. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(b), l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jenħtieġ li jkun intitolat jikkontesta l-kunċett tal-applikazzjoni matul il-proċedura tiegħu sakemm tintlaħaq deċiżjoni finali.

Emenda 1428
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi rrifjutata bħala ***inammissibbli*** skont ***l-Artikolu 36(1)(b)***, l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu ***meta jippreżenta l-applikazzjoni u matul l-intervista tal-ammissibilità***.	4. Qabel ma l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi rrifjutata bħala ***parti mid-determinazzjoni dwar il-merti tagħha*** skont ***it-Taqsima II ta' dan ir-Regolament***, l-applikant għandu jkun jista' jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu ***fi kwalunkwe stadju tal-proċedura***.

Or. en

Emenda 1429
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fi żmien ġimagħtejn fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata, jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi jew manifestament mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat ***jew ta' protezzjoni sussidjarja*** wara proċedura aċċelerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, jew meta l-applikant ikun qed jinżamm f'detenzjoni;	(b) fi żmien ġimagħtejn fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata, jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi jew manifestament mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat wara proċedura aċċelerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, jew meta l-applikant ikun qed jinżamm f'detenzjoni;

Or. en

Emenda 1534
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fi żmien xahar fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1535
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fi żmien xahar fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr	***imħassar***

bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1536
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) fi żmien ***xahar*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.	c) fi żmien ***ġimgħa*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.

Or. bg

Emenda 1537
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fi żmien ***xahar*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.	(c) fi żmien ***tliet ġimgħat*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1538
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fi żmien ***xahar*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.	(c) fi żmien ***ġimagħtejn*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1539
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fi żmien xahar fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat ***jew protezzjoni sussidjarja*** jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.	(c) fi żmien xahar fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1540
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Għall-finijiet tal-punt (b), l-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu reviżjoni ex officio ta' deċiżjonijiet li jittieħdu skont proċedura fuq il-fruntiera.	L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu reviżjoni ex officio ta' deċiżjonijiet li jittieħdu skont proċedura fuq il-fruntiera ***jew ta' deċiżjonijiet maħruġa waqt li l-applikant ikun miżmum f'detenzjoni***.

Or. en

Emenda 1541
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (***b***), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu reviżjoni ex officio ta' deċiżjonijiet li jittieħdu skont proċedura fuq il-fruntiera.	Għall-finijiet tal-punt (***a***), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu reviżjoni ex officio ta' deċiżjonijiet li jittieħdu skont proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 1542
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limiti ta' żmien ***previsti*** f'dan il-paragrafu ***għandhom jibdew jgħoddu*** mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi notifikata lill-applikant, jew mill-mument meta jinħatar il-konsulent legali jekk l-applikant ikun introduċa talba għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.	***Il-limitu*** ta' żmien ***previst*** f'dan il-paragrafu ***għandu jibda' jgħodd*** mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi notifikata lill-applikant, jew mill-mument meta jinħatar il-konsulent legali jekk l-applikant ikun introduċa talba għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas. ***Jekk l-applikant ikun talab għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont l-Artikolu 15, il-limiti ta' żmien għandhom jibdew jgħoddu mid-data meta jinħatar il-konsulent legali.***

Or. en

Emenda 1543
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limiti ta' żmien previsti f'dan il-paragrafu għandhom jibdew jgħoddu mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi notifikata lill-applikant, jew ***mill-mument meta jinħatar il-konsulent legali jekk*** l-applikant ikun ***introduċa*** talba għal assistenza u rappreżentanza legali ***mingħajr ħlas***.	Il-limiti ta' żmien previsti f'dan il-paragrafu għandhom jibdew jgħoddu mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi notifikata lill-applikant, jew ***lill-benefiċjarju. Wara n-notifika lill-applikant jew lill-benefiċjarju, u fejn*** l-applikant ikun ***għamel*** talba għal assistenza u rappreżentanza legali ***skont l-Artikolu 14(1) u/jew l-Artikolu 15(1), il-limiti ta' żmien għandhom jibdew jgħoddu mid-data li fiha l-konsulent legali jinħatar***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-appelli jenħtieġ li jkunu ċari. B'mod partikolari, fejn applikant jew benefiċjarju jixtieq assistenza u rappreżentanza legali, il-limiti ta' żmien jenħtieġ li jibdew jgħoddu biss minn meta jinħatar l-avukat, minkejja l-fatt li l-applikant jew il-benefiċjarju l-ewwel kellu jkun notifikat dwar id-deċiżjoni.

Emenda 1544
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limiti ta' żmien ***previsti*** f'dan il-paragrafu ***għandhom jibdew jgħoddu*** mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi	***Il-limitu*** ta' żmien ***previst*** f'dan il-paragrafu ***għandu jibda' jgħodd*** mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi

notifikata lill-applikant***, jew mill-mument meta jinħatar il-konsulent legali jekk*** l-applikant ikun ***introduċa talba għal*** assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.	notifikata lill-applikant***. Fejn*** l-applikant ikun ***talab*** assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***skont l-Artikolu 15(1), wara notifika ta' din id-deċiżjoni, dawn il-limiti ta' żmien jibdew jgħoddu mid-data meta jinħatar il-konsulent legali***.

Or. en

Emenda 1545
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limiti ta' żmien previsti f'dan il-paragrafu għandhom jibdew jgħoddu mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi notifikata lill-applikant, jew mill-mument meta jinħatar il-konsulent legali ***jekk l-applikant ikun introduċa talba għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas***.	Il-limiti ta' żmien previsti f'dan il-paragrafu għandhom jibdew jgħoddu mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi notifikata lill-applikant, jew mill-mument meta jinħatar il-konsulent legali.

Or. en

Emenda 1546
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le, jew fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jagixxu ex officio, fejn id-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru jiġi terminat bħala konsegwenza ta' kwalunkwe waħda minn	***imħassar***

dawn il-kategoriji ta' deċiżjonijiet li ġejjin:

(a) deċiżjoni li tqis li applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi jew li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja fil-każijiet soġġetti għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera;

(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) u (c);

(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata skont l-Artikolu 38 jew l-Artikolu 39 rispettivament;

Or. en

Emenda 1547
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le, jew fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxu ex officio, fejn id-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru jiġi terminat bħala konsegwenza ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-kategoriji ta' deċiżjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) deċiżjoni li tqis li applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi jew li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja fil-każijiet soġġetti	

għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera;

(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) u (c);

(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata skont l-Artikolu 38 jew l-Artikolu 39 rispettivament;

Or. en

Emenda 1548
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le, jew fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jagħixxu ex officio, fejn id-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru jiġi terminat bħala konsegwenza ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-kategoriji ta' deċiżjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) deċiżjoni li tqis li applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi jew li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja fil-każijiet soġġetti għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera;	
(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) u (c);	
(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata skont l-Artikolu 38 jew l-	

Artikolu 39 rispettivament;

Or. en

Emenda 1549
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le, jew fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxu ex officio, fejn*** id-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru jiġi terminat bħala konsegwenza ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-kategoriji ta' deċiżjonijiet li ġejjin:	2. ***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel paragrafu,*** id-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru ***għandu*** jiġi terminat bħala konsegwenza ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-kategoriji ta' deċiżjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 1550
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) deċiżjoni li tqis li applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi jew li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja fil-każijiet soġġetti għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħalma d-dritt li jibqa' huwa importanti f'applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, hekk ukoll huwa importanti f'appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni. Jista' jkun hemm ċirkostanzi wara applikazzjoni sussegwenti, jew meta l-applikazzjoni inizjali ġiet espliċitament irtirata, fejn ikun raġonevoli li Qorti titħalla tiddetermina jekk l-applikant jistax jibqa' fuq it-territorju. Inkella, appell jenħtieġ li dejjem ikollu effett sospensiv.

Emenda 1551
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) u (c);	(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a)***, (b)*** u (c);

Or. en

Emenda 1552
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(***a) u (***c);	(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(c);

Or. en

Emenda 1553
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata ***jew bħala abbandunata*** skont l-Artikolu 38 ***jew l-Artikolu 39 rispettivament***;	(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata skont l-Artikolu 38;

Or. en

Emenda 1554
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) (D) deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja li tiżvela li r-residenza tal-appellant fuq it-territorju tal-Istat Membru hija ta' periklu għas-sigurtà interna jew l-ordni pubblika.

Or. en

Emenda 1555
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le sakemm:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu l-interpretazzjoni neċessarja, għajnuna legali u żmien biżżejjed biex iħejji t-talba u jippreżenta lill-qorti jew lit-tribunal l-argumenti favur li jingħatalu d-dritt li jibqa' fit-territorju sa meta joħroġ l-eżitu tar-rimedju; u	

(b) fil-qafas tal-eżami ta' talba biex jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru responsabbli, il-qorti jew it-tribunal jeżaminaw id-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali f'termini ta' fatti u liġi.

Or. en

Emenda 1556
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le sakemm:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu l-interpretazzjoni neċessarja, għajnuna legali u żmien biżżejjed biex iħejji t-talba u jippreżenta lill-qorti jew lit-tribunal l-argumenti favur li jingħatalu d-dritt li jibqa' fit-territorju sa meta joħroġ l-eżitu tar-rimedju; u	
(b) fil-qafas tal-eżami ta' talba biex jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru responsabbli, il-qorti jew it-tribunal jeżaminaw id-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali f'termini ta' fatti u liġi.	

Or. en

Emenda 1557
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le sakemm:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu l-interpretazzjoni neċessarja, għajnuna legali u żmien biżżejjed biex iħejji t-talba u jippreżenta lill-qorti jew lit-tribunal l-argumenti favur li jingħatalu d-dritt li jibqa' fit-territorju sa meta joħroġ l-eżitu tar-rimedju; u	
(b) fil-qafas tal-eżami ta' talba biex jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru responsabbli, il-qorti jew it-tribunal jeżaminaw id-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali f'termini ta' fatti u liġi.	

Or. en

Emenda 1558
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli jew le sakemm:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu l-interpretazzjoni neċessarja, għajnuna legali u żmien biżżejjed biex iħejji t-talba u jippreżenta lill-qorti jew lit-tribunal l-argumenti favur li jingħatalu d-dritt li jibqa' fit-territorju sa meta joħroġ l-eżitu tar-rimedju; u	
(b) fil-qafas tal-eżami ta' talba biex jibqa'	

fit-territorju ta' Stat Membru responsabbli, il-qorti jew it-tribunal jeżaminaw id-deċiżjoni li tirriffjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali f'termini ta' fatti u liġi.

Or. en

Emenda 1559
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikant jibqa' fit-territorju tagħhom sa meta joħroġ ir-riżultat tal-proċedura kemm jekk l-applikant jista' jibqa' fit-territorju u kemm jekk le. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-appell.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1560
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikant jibqa' fit-territorju tagħhom sa meta joħroġ ir-riżultat tal-proċedura kemm jekk l-applikant jista' jibqa' fit-territorju u kemm jekk le. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien xahar mill-	***imħassar***

preżentazzjoni tal-appell.

Or. en

Emenda 1561
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikant jibqa' fit-territorju tagħhom sa meta joħroġ ir-riżultat tal-proċedura kemm jekk l-applikant jista' jibqa' fit-territorju u kemm jekk le. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-appell.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1562
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Applikant li jippreżenta appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjonijiet ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru sakemm qorti jew tribunal ma jiddeċidux mod ieħor fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxu ex officio. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-appell sussegwenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1563
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Applikant li jippreżenta appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjonijiet ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru sakemm qorti jew tribunal ma jiddeċidux mod ieħor fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxu ex officio. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-appell sussegwenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1564
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Applikant li jippreżenta appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjonijiet ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru sakemm qorti jew tribunal ma jiddeċidux mod ieħor fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxu ex officio. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-appell sussegwenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1565
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Applikant li jippreżenta appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjonijiet ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru ***sakemm qorti jew tribunal ma jiddeċidux mod ieħor fuq talba tal-applikant jew filwaqt li jaġixxu ex officio. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-appell sussegwenti.***	5. Applikant li jippreżenta appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjonijiet ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru***.***

Or. en

Emenda 1566
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u sħiħ ta' appell, il-qrati jew it-tribunali għandhom jiddeċiedu fuq l-ewwel livell ta' appell fi żmien ***il-limiti*** ta' żmien ***li ġejjin*** minn meta jiġi ppreżentat l-appell:	1. Mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u sħiħ ta' appell, il-qrati jew it-tribunali għandhom jiddeċiedu fuq l-ewwel livell ta' appell fi żmien ***limitu*** ta' żmien ***raġonevoli*** minn meta jiġi ppreżentat l-appell:

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iskadenzi proposti fir-Regolament jistgħu jwasslu biex is-SEKA taħdem ħażin jekk isiru numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet fl-istess ħin.

Emenda 1567

Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fi żmien ***sitt*** xhur fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira protezzjoni internazzjonali.	(a) fi żmien ***ħames*** xhur fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1568
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fi żmien sitt xhur fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat ***jew protezzjoni sussidjarja*** jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira protezzjoni internazzjonali.	(a) fi żmien sitt xhur fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1569
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fi żmien sitt xhur fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala	(a) fi żmien sitt xhur fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala

mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira protezzjoni internazzjonali.	mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja jekk l-eżami ma jkunx aċċellerat jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirtira protezzjoni internazzjonali.

Or. ro

Emenda 1570
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fi żmien xaharejn fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata, jew bħala mingħajr bażi jew manifestament mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat ***jew ta' protezzjoni sussidjarja*** wara proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, jew meta l-applikant ikun qed jinżamm f'detenzjoni;	(b) fi żmien xaharejn fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata, jew bħala mingħajr bażi jew manifestament mingħajr bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat wara proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, jew meta l-applikant ikun qed jinżamm f'detenzjoni;

Or. en

Emenda 1571
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fi żmien xaharejn*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata, jew bħala mingħajr bażi jew manifestament mingħajr	(b) fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli jew fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata, jew bħala mingħajr bażi jew manifestament mingħajr bażi fir-rigward ta'

bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja wara proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, jew meta l-applikant ikun qed jinżamm f'detenzjoni;	status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja wara proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera, jew meta l-applikant ikun qed jinżamm f'detenzjoni;

Or. ro

Emenda 1572
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***fi żmien xahar*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala inammissibbli jew manifestament mingħajr bażi;	(c) fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala inammissibbli jew manifestament mingħajr bażi;

Or. ro

Emenda 1573
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatti jew tal-liġi, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu mtawla b'perjodu addizzjonali ta' ***tliet xhur***.	2. F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatti jew tal-liġi, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu mtawla b'perjodu addizzjonali ta' ***xahrejn***.

Or. en

Emenda 1574
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatti jew tal-liġi, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu mtawla ***b'perjodu addizzjonali ta' tliet xhur***.	2. F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatti jew tal-liġi, il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu mtawla.

Or. bg

Emenda 1575
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament ma jolqotx il-possibilità, għall-awtoritajiet pubbliċi, li jikkontestaw id-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji kif previst fil-liġi nazzjonali.	***Din id-Direttiva ma tolqotx*** il-possibilità, għall-awtoritajiet pubbliċi, li jikkontestaw id-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji kif previst fil-liġi nazzjonali.

Or. fr

Emenda 1576
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament ma jolqotx il-possibilità, għall-awtoritajiet pubbliċi, li jikkontestaw id-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji kif previst fil-liġi nazzjonali.	***Din id-Direttiva ma tolqotx*** il-possibilità, għall-awtoritajiet pubbliċi, li jikkontestaw id-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji kif previst fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 1577
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom, f'kuntatt mal-Kummissjoni, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex tiġi stabbilita kooperazzjoni diretta u bdil ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli.	2. L-Istati Membri għandhom, f'kuntatt mal-Kummissjoni, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex tiġi stabbilita kooperazzjoni diretta u bdil ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli ***kif ukoll bejn l-awtoritajiet responsabbli u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trid tissaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni mal-EUAA.

Emenda 1578
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li jkunu adottati atti ddelegati msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ikkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ***dan ir-Regolament***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien ta' tul identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal estensjoni bħal din mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	2. Is-setgħa li jkunu adottati atti ddelegati msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ikkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ***din id-Direttiva***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien ta' tul identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal estensjoni bħal din mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Or. en

Emenda 1579
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Tali att delegat u l-estensjonijiet tiegħu għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahar*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw.	5. Tali att delegat u l-estensjonijiet tiegħu għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li l-Parlament u l-Kunsill ikollhom żmien xieraq biex iqisu l-kontenut ta' att delegat qabel ma dan jidħol fis-seħħ. Perjodu ta' xahar ma jippermettix li l-Parlament jgħaddi mill-proċeduri interni kollha tiegħu biex joġġezzjona għal att delegat u għalhekk mhuwiex xieraq. Il-koleġiżlaturi jenħtieġ li jingħataw xahrejn li huwa l-perjodu minimu.

Emenda 1580
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta ***dan ir-Regolament]*** u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament*** fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq,	Sa [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta***' din id-Direttiva]*** u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva*** fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi

tipproponi xi emendi.	xi emendi.

Or. fr

Emenda 1581
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa ***[sentejn*** mid-dħul fis-seħħ ta ***dan ir-Regolament]*** u kull ***ħames snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament*** fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi xi emendi.	Sa ***[sena*** mid-dħul fis-seħħ ta' ***din id-Direttiva]*** u kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva*** fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi xi emendi.

Or. en

Emenda 1582
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Parlament Ewropew, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, u l-Ombudswoman Ewropea għandhom jiktbu rapporti fl-istess perjodu ta' żmien biex jevalwaw is-sistema u s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali matul dan il-perjodu.

Or. en

Emenda 1583
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport tagħha mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jiskadi dak il-limitu ta' żmien.	Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport tagħha mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jiskadi dak il-limitu ta' żmien. ***Bħala parti mir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-metodoloġija li użat biex tivvaluta s-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi inklużi fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi terzi bla periklu, jew l-inklużjoni jew is-sospensjoni potenzjali ta' tali pajjiżi mil-lista. Hija għandha tirrapporta wkoll dwar l-implimentazzjoni ta' salvagwardji proċedurali għal dawk li qed ifittxu l-asil li joriġinaw minn pajjiż mil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem ibbażat fuq l-Emenda 43 tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar ir-Regolament SCO.

Emenda 1584
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod regolari lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tat-Taqsima III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija maħsuba biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa, fil-prattika, tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-provvediment ta' assistenza legali mingħajr ħlas lill-applikant għal asil fl-istadji kollha tal-proċedura.

Emenda 1585
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 60a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 60a
	Traspożizzjoni
	1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi mal-Artikoli ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.
	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet essenzjali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Or. fr

Emenda 1586
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-Direttiva 2013/32/UE tħassret.	Id-Direttiva 2013/32/UE tħassret ***għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri dwar l-iskadenzi tat-***

	traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva.

Or. fr

Emenda 1587
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***dan ir-Regolament*** u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness 2.	Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***din id-Direttiva*** u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness 2.

Or. en

Emenda 1588
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni ***tiegħu*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	***Din id-Direttiva tidħol*** fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni ***tagħha*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Or. fr

Emenda 1589
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni ***tiegħu*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	***Din id-Direttiva għandha tidħol*** fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni ***tagħha*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 1590
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika minn [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tiegħu].	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1591
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika minn [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ***tiegħu]***.	***Din id-Direttiva għandha tibqa' tapplika*** minn [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ***tagħha]***.

Or. en

Emenda 1592
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1593
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier ***tiegħu u japplika*** direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.	***Din id-Direttiva għandha torbot*** fl-intier ***tagħha u tapplika*** direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Or. en

Emenda 1594
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu msemmija fl-Artikolu 48	***imħassar***
l-Albanija	
il-Bosnja-Ħerzegovina,	
l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	
il-Kosovo*39 ,	
il-Montenegro,	
is-Serbja,	
It-Turkija.	

39 * Din l-indikazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Or. en

Emenda 1595
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Anness I - paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
it-Turkija	***imħassar***

Or. it

Emenda 1596
Péter Niedermüller, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-Turkija.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tar-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar it-Turkija (COM(2016) 715) u r-Rapport ta' Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini tal-EASO - Fokus fuq il-Pajjiż tat-Turkija (Novembru 2016) it-Turkija ma tikkonformax mal-kriterji ta' pajjiż ta' oriġini bla periklu skont l-Artikolu 47.